# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 267/24/2 MS**

**Paul Philippe Al-României**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2024 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-5 ta' Ġunju 2024 li biha ċaħditlu t-talbiet.

2. L-Ewwel Qorti spjegat il-fatti hekk:

> *"12. Illi r-rikorrent huwa Rumen, u filwaqt li kien jinsab Malta, ġie arrestat mill-Pulizija ta' Malta u fid-29 t'April 2024 ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja in eżekuzzjoni ta' mandat t'arrest Ewropew maħruġ fil-konfront tiegħu mid-Diviżjoni Kriminali tal-Qorti tal-Appell ta' Braşov fir-Rumanija fit-18 ta' Frar 2020. Dwar dan il-mandat, l-intimat Avukat Ġenerali fit-28 t'April 2024 ħareġ*

*ċertifikat fit-termini tal-artikolu 6A tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni[1]. B'deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Mejju 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, u fl-atti tal-Estradizzjoni msejħa "Qorti Rimandanti", sabet li jekk il-mandat t'arrest Ewropew fuq imsemmi jiġi eżegwit, hemm riskju reali li r-rikorrenti jġarrab vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu taħt l-artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukolll taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u għalhekk irrifjutat l-eżekuzzjoni tal-istess mandat, u ordnat il-ħelsien tar-rikorrenti.*

*13. Illi l-intimat Avukat Ġenerali nterpona appell minn din id-deċiżjoni, liema appell ġie trattat quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali u jinsab differit għad-deċiżjoni għas-17 ta' Ġunju 2024. Fil-frattemp, peress li r-rikorrenti għadu jinsab taħt arrest pendenti l-eżitu tal-proċeduri t'estradizzjoni, huwa ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jitlob il-ħelsien mill-arrest. B'dikriet mogħti fit-28 ta' Mejju 2024, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tar-rikorrent għall-ħelsien mill-arrest, billi (i) qieset li r-rikorrent m'għandux rabtiet ma' Malta u kien f'qagħda li jipprovdi ndirizz residenzjali fiss biss sat-2 ta' Ġunju 2024, u għalhekk ma tax garanziji suffiċċjenti sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest; u (ii) f'kull każ, l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni jipprekludu l-libertà provviżorja lir-rikorrenti sakemm jiġi deċiż l-appell fil-konfront tiegħu.*

*14. Illi fit-30 ta' Mejju, 2024, ir-rikorrenti ressaq din il-kawża".*

3. Fit-30 ta' Mejju 2024 l-attur fetaħ il-kawża u talab lill-Qorti sabiex:

*"1. Tiddikjara li l-Artikolu 15(3) u 17 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Estradizzjoni) jikkozzaw ma', u jiksru l-artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*2. Tiddikjara li l-arrest tar-rikorrent mid-29 ta' April 2024 huwa wieħed illegali in kwantu qed iseħħ in forza tal-Artikoli 15(3) u 17 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Estradizzjoni) li qed jiksru l-Artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*3. Tordna l-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent;*

*4. Tillikwida kumpens xieraq li l-intimat għandu jiġi ordnat jħallas lir-rikorrent minħabba d-deprivazzjoni tal-liberta' tiegħu u l-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu;*

[1] LS276.05.

> *5. Tordna illi tali kumpens jiġi mħallas lir-rikorrenti flimkien mal-ispejjeż u interessi illi jiddekorru mill-bidu ta' tali ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu".*

4. Fit-3 ta' Ġunju 2024 l-Avukat Ġenerali wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet. Fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 l-Avukat tal-Istat iddikjara li *".... qed jagħmel tiegħu l-eċċezzjonijiet diġa' ppreżentati mill-intimat Avukat Ġenerali"*.

5. B'sentenza li ngħatat fil-5 ta' Ġunju 2024 l-Ewwel Qorti filwaqt li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li mhuwiex il-leġittimu kontradittur, ċaħdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

6. Imbagħad b'sentenza tal-10 ta' Ġunju, 2024 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali, ħassret is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u bagħtet l-atti lura quddiem il-Qorti sabiex tqis il-każ mill-ġdid.

7. Dwar il-mertu, ir-raġunament tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla kien dan:

> *"32. Huwa effettivament l-aħħar proviso tal-artikolu 15(3) li jikkostitwixxi l-pern tal-ilment tar-rikorrenti. Huwa jsostni li dik id-dispożizzjoni tneħħi għal kollox id-diskrezzjoni ġudizzjarja fil-konsiderazzjoni ta' jekk persuna arrestata b'rabta ma' proċeduri ta' estradizzjoni għandhiex tingħata l-ħelsien mill-arrest, u minflok tvesti dik id-diskrezzjoni esklussivament fl-Avukat Ġenerali li madanakollu huwa parti fl-istess proċeduri t'estradizzjoni.*
>
> *33. Illi għalhekk huwa loġiku li l-ewwel stħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa jekk hux tassew li din id-dispożizzjoni torbot idejn il-qrati meta jiġu biex iqisu talba għall-ħelsien mill-arrest magħmula minn*

*persuna waqt proċeduri t'estradizzjoni. Jekk tassew hemm il-preklużjoni prevista mir-rikorrenti, mela allura jkun imiss li din il-Qorti tqis jekk din hijiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet konvenzjonali ċitati mir-rikorrenti. Però jekk dik il-preklużjoni ma tirriżultax, l-ilment tar-rikorrenti jfalli għaliex jisfa mingħajr fondament fattwali.*

*34. Illi l-Qorti tirrileva li skont l-artikolu 15(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni:*

> *"Persuna arrestata bis-saħħa ta' mandat skont l-artikolu 14 għandha (jekk ma tkunx ġiet meħlusa qabel skont is-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu) titressaq malajr kemm ikun prattikabbli u f'ebda każ aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' kumpilazzjoni (f'dan l-Att imsejħa l-qorti rimandanti) li għandu jkollha għall-finijiet tal-proċedimenti skont dan l-artikolu l-istess setgħat, safejn jista' jkun, magħduda s-setgħa li tibgħat f'kustodja jew teħles mill-arrest bi pleġġ, kif l-imsemmija qorti għandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel".*

*35. Huwa għalhekk ċar li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Rimandanti, għandha s-setgħa li teħles lill-persuna li titressaq quddiemha fi proċeduri dwar estradizzjoni mill-arrest bi pleġġ. Fil-fatt fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent jirrileva li huwa kien ressaq talbiet għall-ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti, liema talbiet però ġew miċħuda għal raġunijiet li jirrientraw fid-diskrezzjoni ta' dik il-qorti, kif jirriżulta mill-verbal tal-udjenza tad-29 t'April 2024, mid-dikriet tat-8 ta' Mejju 2024[2] u mid-dikriet tas-16 ta' Mejju 2024[3].*

*36. Illi l-artikolu 15(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni huwa applikabbli għall-proċeduri ta' treġġigħ lura ta' persuna li jsiru bis-saħħa ta' mandat t'arrest Ewropew bis-saħħa tal-artikolu 8(4) tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (LS276.05).*

*37. Skont ir-rikorrenti, din is-setgħa li l-liġi tagħti bl-aktar mod ċar lill-Qorti tal-Maġistrati m'hijiex ukoll mogħtija lill-Qorti tal-Appell Kriminali, minħabba l-proviso fuq ċitat, li jgħid:*

> *"Iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna".*

*38. Iżda fil-fehma tal-Qorti, l-ilment tar-rikorrenti huwa malkonċepit.*

*39. Il-ħelsien li dan il-proviso tal-artikolu 15(3) jivvjeta pendenti l-appell huwa l-ħelsien li jkun ordnat bid-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti, u ċjoè dik id-deċiżjoni li biha l-Qorti tal-Maġistrati tkun ordnat li l-persuna*

---

[2] Fol. 99 tal-atti tal-estradizzjoni.
[3] Fol. 619 tal-atti tal-estradizzjoni.

*arrestata tinħeles mill-kustodja* ***bla kondizzjonijiet****, għaliex tkun sabet li m'hemmx raġunijiet biex dik il-persuna tiġi estradita. Fi kliem ieħor, kull ma jagħmel il-proviso li minnu qed jilmenta r-rikorrenti huwa li jipprovdi li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tkun favorevoli għall-persuna arrestata tibqa' sospiża pendenti l-eżitu tal-appell li jsir mill-Avukat Ġenerali. Dan però ma jneħħi bl-ebda mod is-setgħa tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li jagħtu l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ jekk fid-diskrezzjoni tagħhom, u tenut kont tal-kondizzjonijiet partikolari ta' kull każ, hekk ikun xieraq li jsir.*

*40. Din l-interpretazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni hija suffragata mill-fatt li l-lokuzzjoni tad-dispożizzjoni bl-aktar mod ċar turi li l-istess proviso japplika biss għall-każ fejn l-appell ikun sar mill-Avukat Ġenerali, u ċjoè japplika allura fejn ikun hemm deċiżjoni mill-Qorti Rimandanti li l-arrestat ma jiġix estradit u b'hekk għandu jinħeles mill-kustodja. Jekk tiġi aċċettata l-interpretazzjoni tar-rikorrenti, ikun ifisser illi d-divjet li jingħata ħelsien mill-arrest bi pleġġ ma jkunx japplika fejn l-appell isir mill-persuna arrestata wara deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti li dik il-persuna għandha tkun estradita. Dan però ma jkun jagħmel ebda sens.*

*41. Hekk ukoll ma jagħmel ebda sens għal din il-Qorti li s-setgħa li l-persuna arrestata b'rabta ma' proċeduri bħal dawn tista' tingħata l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti iżda mhux ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.*

*42. Huwa ċar illi l-Att dwar l-Estradizzjoni jagħmel distinzjoni bejn «ordni li jeħles minn kustodja» - li huwa dak l-ordni li bih persuna tinħeles mill-kustodja* ***bla kondizzjonijiet*** *għaliex ikun ġie deċiż li m'hemmx lok għall-estradizzjoni – u «ħelsien mill-arrest bi pleġġ», li huwa l-ħelsien li r-rikorrenti qed jippretendi li jingħata sakemm jiġu deċiżi b'mod finali l-proċeduri tal-estradizzjoni istitwiti fil-konfront tiegħu. Distinzjoni li hija riflessa wkoll fl-artikolu 20 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, li jfisser ukoll għaliex u f'liema ċirkostanzi jingħata «ordni li jeħles minn kustodja», liema ċirkostanzi bl-aktar mod ċar ma jinkludux ukoll il-ħelsien mill-arrest bi pleġġ.*

*43. Fuq kollox, id-dispożizzjoni li minnha qed jilmenta r-rikorrenti hija proviso għal dispożizzjoni oħra li proprju titratta x'isir jekk il-qorti rimandanti tiddeċiedi li l-persuna mressqa quddiemha m'għandhiex tintbagħat u minflok għandha tinħeles mill-kustodja. Huwa biss loġiku li proviso jirreferi għaċ-ċirkostanzi li jkunu qed jiġu regolati mid-dispożizzjoni li magħha jkun anness l-istess proviso.*

*44. L-interpretazzjoni mogħtija minn din il-Qorti jidher li hija wkoll sostnuta mill-artikolu 27 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (LS276.05), li jgħid: «Il-proviso mal-artikolu 15(3) tal-Att rilevanti għandu japplika għal kull ordni li tkun teħles lill-persuna indikata mill-kustodja taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni». Il-liġi stess tgħid li l-proviso tal-artikolu 15(3), impunjat mir-rikorrenti, japplika*

*għall-ordni li jeħles lill-persuna ndikata mill-kustodja, u mhux għall-ħelsien mill-arrest bi pleġġ, li jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali biex jikkonċedu. Fil-fatt, l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (LS276.05) mkien ma jirreferi għall-ħelsien mill-arrest bi pleġġ*[4] *u kull «ordni li jeħles lill-persuna ndikata mill-kustodja» huwa dejjem ordni mogħti in segwitu għal deċiżjoni tal-qorti rimandanti li ma tipproċedix bl-estradizzjoni.*

*45. Din il-Qorti qieset ukoll il-ġurisprudenza ċitata mill-kontendenti fl-atti miktuba tagħhom kif ukoll waqt it-trattazzjoni tal-każ, b'mod partikolari d-deċiżjoni* ***Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*** *(Qorti Kostituzzjonali, 13/6/2017) kif ukoll id-deċiżjoni* ***Joseph Spiteri vs. Avukat tal-Istat*** *(Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 28/2/2024). Fil-każ* ***Angelo Frank Paul Spiteri****, l-ilment kien jirrigwarda d-detenzjoni tar-rikorrent* <u>*wara*</u> *li ġie definittivament deċiż li huwa għandu jiġi estradit u pendenti l-eżitu tal-kawżi kostituzzjonali preżentati minnu. Ċirkostanzi għalhekk differenti minn dawk li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent odjern. Fid-deċiżjoni* ***Joseph Spiteri****, din il-Qorti, kif diversament presjeduta, kienet ċaħdet l-ilment fil-meritu tiegħu, imma mill-korp tad-deċiżjoni jista' jiġi rilevat li fil-mori ta' dik il-kawża, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tat lir-rikorrenti l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ, u dan jiffortifika l-interpretazzjoni mogħtija minn din il-Qorti u fuq spjegata.*

*46. Għalhekk din il-Qorti mhux qed issib li l-leġiżlazzjoni ndikata mir-rikorrenti telimina d-diskrezzjoni tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li jiddeċiedu dwar talbiet għall-ħelsien mill-arrest bi pleġġ. Diskrezzjoni li tissussisti anki fejn l-ordni biex persuna tiġi estradita jkun finali, iżda l-ordni ta' tneħħija jiġi pospost minħabba proċeduri penali oħrajn li minnhom tkun tinsab għaddejja l-persuna in kwistjoni (ara f'dan is-sens* ***Il-Pulizija vs. Emanuel Borg****, Qorti Kriminali, 19/9/2007).*

*47. Issa fil-każ odjern din id-diskrezzjoni* <u>***ġiet***</u> *eżerċitata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dikriet tat-28 ta' Mejju 2024, li ċaħdet it-talba tar-rikorrenti minħabba li ma qisitx li huwa ressqilha garanziji sufficjenti sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ. Huwa minnu li, kważi obiter, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriferiet għall-artikolu 15(3) fis-sens li kien jippreklude t-talba magħmula mir-rikorrent. Din però* <u>***ma kinitx***</u> *ir-raġuni ewlenija għaliex dik it-talba ġiet miċħuda. Ir-raġuni ewlenija kienet, kif diġà ngħad, li r-rikorrent ma tax garanziji sufficjenti, u din ir-raġuni taqa' kompletament fid-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti. M'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tistħarreġ l-użu ta' dik id-diskrezzjoni, speċjalment meta r-rikorrenti m'huwiex qed jilmenta dwar dan. Anzi r-rikorrent qed jilmenta li l-liġi tneħħi dik id-diskrezzjoni mill-qrati, liema lment però kif rajna ma jirriżultax li huwa fattwalment u legalment radikat.*

---

[4] Għalkemm kif rajna l-artikolu 15(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni huwa reż applikabbli għall-proċeduri li jsiru taħtu.

> *48. F'dan is-sens ukoll l-ilment tar-rikorrenti li huwa biss l-operazzjoni u t-tħaddim tal-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni li qiegħdin ixekklu l-possibilità li huwa jingħata l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ huwa infondat fattwalment.* ***Kif rajna, l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu għal raġuni diversa****.*
>
> *49. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, la darba l-effetti legali tad-dispożizzjonijiet li minnhom qed jilmenta r-rikorrenti ma jissussistux, isegwi li dawk id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jitqiesu inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet ċitati mir-rikorrenti dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu riġettati.*
>
> *50. Fl-aħħar nett, il-Qorti kkunsidrat jekk hemmx lok li jkun hemm temperament fl-ispejjeż tal-kawża minħabba l-interpretazzjoni mhux dejjem lineari li ngħatat lill-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni. Madanakollu, kif fuq premess, irriżulta li l-liġi li minnha qed jilmenta r-rikorrenti ma kinitx ir-raġuni ewlenija għaliex ġiet miċħuda t-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest".*

8. Fis-6 ta' Ġunju, 2024 l-attur appella mis-sentenza filwaqt li l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat wieġbu fis-17 ta' Ġunju 2024.

<u>L-ewwel aggravju</u>.

9. L-attur jilmenta li l-Art. 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) jikser il-jeddijiet fundamentali tiegħu protetti taħt l-Artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex l-Art. 15(3) jagħti diskrezzjoni assoluta lill-Avukat Ġenerali, meta jappella, għaliex il-persuna għandha tibqa' tinżamm taħt detenzjoni sakemm jinqata' l-appell, jew jiġi abbandunat jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu. L-attur jilmenta dwar nuqqas ta' *equality of arms*. Żied jgħid:

> *"24. Illi t-tali dispożizzjoni legali tqiegħed lill-appellant f'sitwazzjoni mill-aktar prekarja, kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u dan propju għaliex ma teżisti l-ebda equality of arms bejn il-partijiet fil-kawża odjerna, u hu*

*propju għalhekk illi l-appellant qiegħed umilment jissottometti illi l-pern tal-lanzjanza tiegħu hi propju dik illi l-ewwel Qorti għalqet għajnejha għal dan l-ikkozzar flagranti bejn id-dispożizzjonijiet tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta u l-protezzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu mogħtija lilu mill-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem għaliex b'kull dovut rispett għandha tkun Qorti indipendenti u mparzjali illi tiddeċiedi talba għall-ħelsien mill-arrest u mhux l-Avukat Ġenerali qua prosekutur fl-istess proċeduri odjerni, u illi fihom il-liġi tippermettilu illi jeżerċita diskrezzjoni arbitrarja….*

*fl-umli fehma tal-appellant huwa evidenti illi l-Avukat Ġenerali bħala prosekutur qiegħed juża din l-unfettered discretion lilu mogħtija mill-liġi biex jieħu post il-Qorti sabiex jiddeċiedi fuq it-tali talba għall-ħelsien mill-arrest, liema diskrezzjoni hi ormai prinċipju assodat illi għandha tkun il-Qorti illi teżerċitah.*

*……….*

*28. Illi anki l-istess Council Framework Decision tal-2002[5] f'artikolu 12 tiegħu jgħid illi hija "the executing judicial authority" illi trid tieħu deċiżjoni dwar jekk persuna għandiex tinżamm taħt kustodja jew le, u dan ma jħalli l-ebda ombra ta' dubju illi l-Avukat Ġenerali qua prosekutur par excellence mhux tali awtorita' ġudizzjarja;*

*29. Illi fil-fatt huwa l-Avukat Ġenerali stess illi fir-risposta tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2024 manifestament jikkonferma dan kollu ossia illi huwa għandu poteri arbitrarji mogħtija lilu mill-liġi illi jelevaw ruħhom il-fuq minn dawk tal-Qrati nostrani u illi għandu s-setgħa mogħtija lilu milli liġi illi hu jilbes il-libsa ta' ġudikatur u jitla' fuq l-awtorita' tal-Qorti fejn ikun qiegħed ineżżahha minn kull awtorita' illi għanda sabiex teżerċita d-dmirijiet unikament addebiti lilha fi stat modern u demokratiku u illi jabbraċċja s-separazzjoni tal-poteri u s-saltna tad-dritt fejn għanda tkun biss il-Qorti bħala awtorita' ġudizzjarja illi liberament u ndipendentement tiddeċiedi dwar materji illi jinġiebu quddiemha, u dan għaliex fir-risposta tiegħu jikkonferma illi "hu minnu li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ma għandiex is-setgħa li tagħti l-ħelsien mill-arrest";*

*30. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti donnha sabet il-konfort illi minħabba illi l-proviso tal-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni japplika biss għall-każ fejn l-appell ikun sar mill-Avukat Ġenerali, allura aċċettat illi teżonera ruħha illi tkun hi li fil-fatt għandu jkollha d-diskrezzjoni fl-għoti tal-liberta' proviżorja u l-ebda awtorita' oħra, wisq inqas il-prosekuzzjoni, m'għandha d-dritt illi tagħmel dan, u dan bl-leżjoni netta għad-drittijiet fundamentali tal-appellant;".*

[5] **2002/584/JHA: Council Framework Decision of 13 June 2002 on the European arrest warrant and the surrender procedures between Member States - Statements made by certain Member States on the adoption of the Framework Decision.**

10. Il-proviso għall-Artikolu 15(3) jipprovdi li:

> *"Iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna"*.

11. Filwaqt li l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 276 jipprovdi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' kumpilazzjoni għandha s-setgħa li *"teħles mill-arrest bi pleġġ"*, m'hemmx dispożizzjoni simili fir-rigward tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-partijiet ukoll jaqblu li l-liġi ma tagħtix dak il-poter lill-Qorti tal-Appell Kriminali.

12. L-Ewwel Qorti rraġunat li jekk wieħed kellu jirraġuna li l-Qorti tal-Appell Kriminali m'għandhiex il-poter taħt il-Kap. 276 li tagħti l-ħelsien mill-arrest, dak id-divjet ma jkunx japplika meta *"... l-appell isir mill-persuna arrestata wara deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti li dik il-persuna għandha tkun estradita. Dan pero' ma jagħmel ebda sens"*.

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt jibqa' li kuntrarjament għal dak li jipprovdi l-Art. 15(1) b'referenza għall-Qorti tal-Maġistrati, m'hemmx dispożizzjoni ġenerali li tagħti lill-Qorti tal-Appell is-setgħa li tordna l-ħelsien tal-persuna bi pleġġ. Dan irrispettivament jekk id-deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Magistrati tkun li tordna li jeħles lill-persuna mill-kustodja jew ordni li jibgħat lill-persuna taħt kustodja għat-treġġigħ lura lejn l-Istat rikjedenti. Hu biss fil-każ li l-Qorti rimandanti tkun ħelset lill-persuna mill-

kustodja u jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, li l-Qorti tal-Appell Kriminali tista' tagħti l-ħelsien diment li l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu.

14. Wieħed jista' jargumenta li ma jagħmilx sens li Qorti tal-Maġistrati tista' tagħti l-ħelsien mill-arrest filwaqt li l-Qorti tal-Appell ma tistax ħlief eċċezzjonalment. Madankollu, jibqa' l-fatt li fil-Kap. 276 u fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 m'hemm l-ebda dispożizzjoni ġenerali li tagħti dik is-setgħa lill-Qorti tal-Appell Kriminali, kuntrarjament għall-Qorti tal-Maġistrati taħt l-Art. 15(1). *Inoltre*, bejn il-partijiet m'hemmx kwistjoni li dik il-Qorti għandha s-setgħa li tagħti l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ.

15. Minkejja dak li ntqal f'paragrafu 44 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 27 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05) ma jikkonfermax li l-Qorti tal-Appell tista' f'kull każ tagħti l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ. L-Art. 27 jipprovdi:

> *"Il-proviso mal-artikolu 15(3) tal-Att rilevanti għandu japplika għal kull ordni li tkun teħles lill-persuna indikata mill-kustodja taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni".*

16. Fil-fehma ta' din il-Qorti dik id-dispożizzjoni hi b'referenza għad-deċiżjoni li biha l-Qorti rimandanti tkun ordnat il-ħelsien mill-kustodja taħt id-dispożizzjonijiet ta' dik il-Leġislazzjoni Sussidjarja, li twassal biex il-persuna ma tintbagħatx lill-pajjiż rikjedenti.

17. L-ilment tal-attur hu li l-Art. 15(3) jagħti diskrezzjoni assoluta lill-Avukat Ġenerali għaliex l-appellant jibqa' taħt kustodja sakemm jinqata' l-appell, jew ikun abbandunat, jew sakemm *".... l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelwien ta' dik il-persuna"*. Il-Qorti ma taqbilx li dan għandu x'jaqsam mal-prinċipju tal-parità tal-armi bejn il-partijiet. Dak il-prinċipju jfisser li kull parti jkollha l-istess opportunità li tressaq u tiddefendi l-każ tagħha (ara **A.B. v. Slovakia**, QEDB tal-4 ta' Marzu 2003). X'qiegħed jippretendi l-attur, li jkollu xi poter simili għal dak li għandu l-Avukat Ġenerali taħt il-proviso tal-Art. 15(3) tal-Kap. 276? B'dik id-dispożizzjoni l-Avukat Ġenerali mhuwiex igawdi minn xi vantaġġ sostanzjali fuq il-persuna. Wara kollox il-kwistjoni mhijiex dwar il-mertu tat-talba għat-treġġigħ lura tal-persuna lejn il-pajjiż barrani, iżda dwar ħelsien mill-arrest pendenti l-appell meta l-Ewwel Qorti tkun ħelset lill-persuna mill-kustodja.

18. Madankollu, Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 (Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati Dwar Estradizzjoni) kienet daħlet fis-seħħ b'effett mis-7 ta' Ġunju 2004 u allura fiż-żmien li Malta saret membru tal-Unjoni Ewropea. Ordni li biha ġiet trasposta d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew.[6]

[6] Council Framework Decision of the 13th June 2002 on the European arrest warrant and the surrender procedures between Member States.

19. Skont Artikolu 12 tad-deċiżjoni kwadru:

> *"Meta persuna hi arrestata fuq il-bażi ta' mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi għandha tieħu deċiżjoni fuq jekk il-persuna rikjesta għandhiex tibqa' fid-detenzjoni, skond il-liġi ta' l-Istat Membru li jesgwixxi. Il-persuna tista' tiġi rilaxxata proviżorjament fi kwalunkwe ħin in konformità mal-liġi domestika ta' l-Istat Membru li jesegwixxi, previst li l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru msemmi jieħu l-miżuri kollha li jikkunsidra neċessarji biex jippreveni l-persuna milli tinħeba"*.

20. Dispożizzjoni li ma tagħmilx distinzjoni bejn fejn it-talba għal treġġigħ lura ta' persuna ssir sabiex jittieħdu proċeduri kriminali kontrih fil-pajjiż rikjedent jew sabiex persuna tintbagħat lura biex tiskonta piena li ngħatat b'sentenza li hi ġudikat. Però minn dik id-dispożizzjoni hu evidenti li ma teżistix preżunzjoni favur l-għoti tal-ħelsien mill-arrest waqt il-proċess għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

21. Artikolu 6 tal-istess deċiżjoni jipprovdi li l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew hi dik l-awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru li hi kompetenti biex tesegwixxi l-mandat bis-saħħa tal-liġi tal-Istat. F'Malta l-awtorità ġudizzjarja hi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Però l-Qorti tal-Appell Kriminali taqdi wkoll dik il-funzjoni fejn tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tkun ħelset lill-persuna mill-kustodja u minflok tordna li l-persuna tinżamm taħt kustodja għat-treġġigħ lura lejn il-pajjiż li jkun ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew.

22. Wieħed irid japprezza li hu meħtieġ li l-Qorti tal-Appell Kriminali jkollha s-setgħa li tagħti lill-persuna l-ħelsien mill-arrest taħt kundizzjonijiet, kif wara kollox għandha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Jista' jkollok pereżempju sitwazzjoni fejn il-persuna tkun vulnerabbli u d-detenzjoni ma tkunx flokha. L-istess jista' jkollok sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali tordna referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba d-deċiżjoni kwadru. F'ċirkostanza bħal dik ma jkunx hemm żmien definit meta ser tingħata t-tweġiba mill-QĠUE, u għandu jkun ovvju li l-Qorti tal-Appell Kriminali għandu jkollha s-setgħa li tordna l-ħelsien mill-arrest soġġett li tieħu l-miżuri kollha li hemm bżonn biex jiġi garantit li l-persuna ma taħrabx. Hekk ukoll jista' jkun hemm ċirkostanzi oħra li jkunu qegħdin iwasslu sabiex il-proċeduri għal xi raġuni jkunu qegħdin idumu biex jingħalqu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tkun f'pożizzjoni li meta tieħu inkonsiderazzjoni l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ li jkollha quddiemha, tordna r-rilaxx proviżorju tal-persuna kkonċernata. Wara kollox Art. 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi, *"Kull persuna għandha d-dritt għal liberta' u għas-sigurta'"*. Ovvjament dan soġġett għall-kundizzjonijiet li tqis li huma meħtieġa biex jiġi aċċertat li l-persuna ma taħrabx. Fis-sentenza **Minister for Justice and Equality v. Francis Lanigan** (C237/15 tas-16 ta' Lulju 2015) il-QĠUE qalet li, " *L-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas għandu, għalhekk, jiġi interpretat konformement mal-Artikolu 6 tal-Karta, li jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt għal-libertà*

*u għas-sigurtà".* Dan ovvjament ma jfissirx li waqt l-appell il-ħelsien mill-arrest hu garantit wkoll jekk jinqabeż it-terminu li fih skont il-liġi għandu jingħalaq il-proċess (Artikolu 27A tal-L.S. 276.05). Kollox għandu jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Li hu żgur hu li l-liġi ma tistax tiġi applikata fis-sens li l-Qorti tal-Appell Kriminali m'għandhiex il-poter li tagħti ħelsien mill-arrest.

23. Fil-fehma tal-Qorti, l-Art. 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 u l-proviso ta' Art. 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) ma jipprovdux dak li jrid l-Art. 12 tad-deċiżjoni kwadru b'applikazzjoni wkoll tal-Artikolu 6 tal-Karta. Diment li l-proċeduri huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, hi l-awtorità kompetenti biex tiddeċiedi jekk il-persuna li nħelset mill-kustodja jew qiegħda fil-kustodja, għandhiex tinħeles mill-arrest irrispettivament jekk l-Avukat Ġenerali jagħtix il-kunsens.

24. Ġaladarba l-Qorti tqis li hemm kunflitt bejn il-liġi Ewropea u l-liġi Maltija, tal-ewwel għandha tipprevali minħabba s-supremazija tal-liġi Ewropea.

25. Il-Qorti tosserva wkoll li f'każijiet ta' mandati ta' arrest Ewropew, kien hemm każijiet fejn il-Qorti tal-Appell tat il-ħelsien mill-arrest taħt kundizzjonijiet lill-persuna wkoll wara s-sentenza li tkun ordnat it-treġġigħ

Iura tal-persuna (ara pereżempju digrieti tal-24 ta' Ġunju 2022, **il-Pulizija v. Paul Attard** u **l-Pulizija v. John Spiteri** tad-29 ta' Settembru 2022.

26. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tikkonkludi, għal raġunijiet differenti minn dawk li tat l-Ewwel Qorti, li l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha dejjem is-setgħa li tagħti l-ħelsien mill-arrest lill-persuna waqt il-pendenza tal-proċeduri ta' appell irrispettivament minn jekk l-Avukat Ġenerali jagħtix il-kunsens jew le, u dan taħt kondizzjonijiet li tqis li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-persuna ma taħrabx.

27. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tikkonkludi li l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha s-setgħa li fil-mori tal-appell tistħarreġ u tiddeċiedi dwar jekk il-persuna għandhiex tingħata l-ħelsien mill-arrest pendenti l-appell. Dan irrispettivament minn dak li jingħad f'proviso tal-Art. 15(3) tal-Kap. 276 u l-Art. 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05.

28. Fl-aħħarnett il-Qorti hi tal-fehma li hemm bżonn li jiġi ċċarat li f'proċeduri dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, kemm-il Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali għandhom id-dmir li japplikaw il-liġi tal-Unjoni Ewropea. Hu żbaljat li jsir l-argument li dawk il-qrati m'għandhomx kompetenza biex jistħarrġu u jiddeċiedu jekk hemmx riskju reali ta' ksur tal-jedd fundamentali li l-persuna tkun soġġetta għal trattament inuman u degradanti f'każ li titreġġa' lura lejn l-Istat

Membru li ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew. L-Art. 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi:

> *"1. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati. 2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l- Unjoni u ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati".*

29. Fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew il-qrati jkunu qegħdin jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni Ewropea, u skont l-Art. 19(2) tal-istess karta:

> *"2. Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti".*

30. Rilevanti wkoll paragrafu 12 tal-introduzzjoni tad-deċiżjoni kwadru 2002/584 li jaqra:

> *"Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drit tijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitolu VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni Kwadru ma jista' jiġi interpretat bħala projbizzjoni tat-tiċħid tal-konsenja ta' persuna li għaliha nħareġ mandat ta' arrest Ewropew meta hemm raġunijiet biex jitwemmen, abbażi ta' elementi oġġettivi, li l-mandat ta' arrest imsemmi ġie maħruġ għall-fini ta' l-issoktar ta' l- azzjoni kriminali jew il-kastig ta' persuna għal raġunijiet ta' sess, razza, oriġini etnika, nazzjonalità, ilsien, opinjoni politika jew orjentazzjoni sesswali, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi ppreġudikata għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet".*

31. Għalkemm f'proċeduri ta' din ix-xorta l-prinċipju bażiku hu r-rikonoxximent reċiproku (Art. 1(2) tad-Deċiżjoni Kwadru), fl-Artikolu 1(3) tal-istess deċiżjoni jingħad:

> *"3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligazzjoni għar-rispett ta' drittijiet fondamentali u prinċipji legali fondamentali kif miġbur fl-Artikolu 6 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea".*[7]

32. F'dan il-kuntest issir referenza għas-sentenza tal-QĠUE li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja għamlet referenza għaliha fis-sentenza li tat fl-20 ta' Mejju 2024, fl-ismijiet Aranyosi and Caldararu (C-404/15 u C-659/15) tal-5 ta' April, 2015 tal-QĠUE. Fiha hemm spjegat ċar ħafna l-eżerċizzju li għandhom jagħmlu l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, fir-rigward ta' kwistjoni relatata mad-drittijiet fundamentali protetti bil-Karti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea:

> *"83. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(3) tagħha, id-Deċiżjoni Qafas ma għandhiex bħala effett li tibdel l-obbligu ta' rispett tad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti, b'mod partikolari, mill-Karta.*
>
> *84. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-osservanza tal-Artikolu 4 tal-Karta, dwar il-projbizzjoni ta' pieni u trattamenti inumani jew degradanti, hija imposta, kif jirriżulta mill-Artikolu 51(1) tagħha, fuq l-Istati Membri u, konsegwentement fuq il-qrati tagħhom, meta dawn jimplementaw id-dritt tal-Unjoni, li huwa l-każ meta tal-awtorità ġudizzjarja emittenti u l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Deċiżjoni Qafas (ara, b'analoġija, is-sentenzi Dereci et, C-256/11, EU:C:2011:734, punt 72, kif ukoll Peftiev et, C-314/13, EU:C:2014:1645, punt 24).*
>
> *85. Fir-rigward tal-projbizzjoni tal-pieni u tat-trattamenti inumani jew degradanti, prevista fl-Artikolu 4 tal-Karta, hija għandha natura assoluta*

[7] *"1. The Union recognizes the rights, freedoms and principles set out in the Charter of Fundamental Rights of the European Union of 7 December 2000, as adapted at Strasbourg, on 12 December 2007, which shall have the same legal value as the Treaties….".*

*peress li hija strettament marbuta mar-rispett u d-dinjità tal-bniedem imsemmija fl-Artikolu 1 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Schmidberger, C-112/00, EU:C:2003:333, punt 80).*

*86. In-natura assoluta tad-dritt iggarantit mill-4 tal-Karta huwa kkonfermat mill-Artikolu 3 tal-KEDB, li għalih jikkorrispondi l-Artikolu 4 tal-Karta. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 15(2) tal-KEDB, l-ebda deroga ma hija possibbli mill-Artikolu 3 tal-KEDB.*

*87. L-Artikoli 1 u 4 tal-Karta, kif ukoll l-Artikolu 3 tal-KEDB, jistabbilixxu wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Din hija r-raġuni li minħabba fiha, fi kwalunkwe ċirkustanza, inkluż fil-każ tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, il-KEDB tipprojbixxi f'termini assoluti t-tortura u l-pieni u trattamenti inumani u degradanti, ikun xi jkun l-aġir tal-persuna kkonċernata (ara s-sentenza tal-Qorti EDB Bouyid vs Il-Belġju, Nru 23380/09, tat-28 ta' Settembru 2015, §81 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

***88. Minn dan isegwi li, meta l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha provi li juru li hemm riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti ta' persuni li jinżammu f'detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, fir-rigward tal-istandard ta' protezzjoni ta' drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punti 59 u 63, kif ukoll l-opinjoni 2/13, EU:C:2014:2454, punt 192), hija għandha tevalwa l-eżistenza ta' dan ir-riskju meta hija tiddeċiedi l-konsenja lill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti tal-persuna kkonċernata minn mandat ta' arrest Ewropew. Fil-fatt, l-eżekuzzjoni ta' tali mandat ma għandhiex twassal għal trattament inuman jew degradanti ta' din il-persuna.***

*89. Għal dan il-għan, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, qabel kollox, tibbaża ruħha fuq elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament vverifikati dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li huma prevalenti fl-Istat Membru emittenti u li juru r-realtà ta' nuqqasijiet sistemiċi jew iġġeneralizzati, jew li jolqtu ċerti gruppi ta' persuni, jew ukoll ċerti ċentri ta' detenzjoni. Dawn l-elementi jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari minn deċiżjonijiet ġudizzjarji internazzjonali, bħalma huma s-sentenzi tal-Qorti EDB, minn deċiżjonijiet ġudizzjarji tal-Istat Membru emittenti kif ukoll minn deċiżjonijiet, minn rapporti u minn dokumenti oħra stabbiliti mill-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa jew li jaqgħu taħt is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti".*

33. Minn din is-sentenza hu ċar li l-qrati ta' kompetenza kriminali li jiddeċiedu każijiet dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew,

għandhom dmir jiddeċiedu jekk mill-provi jirriżultax li hemm riskju reali li t-treġġigħ lura tal-persuna jwassal għal trattament inuman u degradanti tal-persuna li tintalab mill-awtorità ġudizzjarja emittenti. L-istess raġunament sar f'każ fejn kien hemm riskju reali li l-persuna ssofri, jekk titreġġa' lura, ksur tal-jedd fundamentali garantit mit-tieni paragrafu tal-Art. 47 tal-karta (ara sentenza tal-QĠUE C-216/18 tal-25 ta' Lulju, 2018).[8] L-istess Qorti fis-sentenza ta' Dumitru-Tudor Dorobantu (C-128/18) tal-15 ta' Ottubru, 2019, li wkoll kienet tittratta d-deċiżjoni kwadru u l-karta, qalet:

> *"85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula għandha tkun is-segwenti:*
>
> - *L-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqri flimkien mal-Artikolu 4 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni jkollha elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament ivverifikati li juru l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistematiċi u ġġeneralizzati fil-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fi ħdan il-faċilitajiet korrettivi tal-Istat Membru emittenti, hija għandha, sabiex tevalwa jekk jeżistux raġunijiet serji u kkonfermati li jġegħluha taħseb li hemm riskju reali li l-persuna li hija s-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew ser tkun, wara l-konsenja tagħha lill-imsemmi Stat Membru, suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens ta' dan l-Artikolu 4, tieħu inkunsiderazzjoni l-aspetti materjali rilevanti kollha tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fil-faċilità korrettiva li fiha jkun konkretament previst li din il-persuna*

---

[8] *"L-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni meħtieġa tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ sabiex jiġu eżerċitati proċeduri kriminali jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi, bħal dawk li jinsabu fi proposta rraġunata tal-Kummissjoni Ewropea, adottata skont l-Artikolu 7(1) TUE, li jidhru li juru l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fir-rigward tal-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, l-imsemmija awtorità għandha tivverifika, b'mod konkret u preċiż, jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali ta' din il-persuna, kif ukoll fid-dawl tan-natura tar-reat li fir-rigward tiegħu tkun is-suġġett ta' prosekuzzjoni u fid-dawl tal-kuntest fattwali li fuqhom ikun ibbażat il-mandat ta' arrest Ewropew, u filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru emittenti, skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata, jeżistux motivi serji u vverifikati sabiex wieħed jemmen li l-imsemmija persuna ser tkun esposta għal tali riskju fil-każ ta' konsenja lil dan l-Istat tal-aħħar".*

*tinżamm, bħall-ispazju personali mqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kull detenut f'ċella ta' din il-faċilità, il-kundizzjonijiet sanitarji kif ukoll il-portata tal-libertà ta' moviment li d-detenut għandu fi ħdan l-imsemmija faċilità. Din l-evalwazzjoni ma hijiex limitata għall-istħarriġ tal-insuffiċjenzi manifesti. Għall-finijiet ta' tali evalwazzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha titlob mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti l-informazzjoni li hija tqis neċessarja u għandha tafda, bħala prinċipju, fuq il-garanziji mogħtija minn din l-awtorità tal-aħħar, fl-assenza ta' elementi preċiżi li jippermettu li jitqies li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jiksru l-Artikolu 4 tal-Karta.*

\- *F'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, l-ispazju personali mqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kull persuna detenuta, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, fl-assenza, attwalment, ta' regoli minimi f'dan ir-rigward fid-dritt tal-Unjoni, tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti minimi li jirriżultaw mill-Artikolu 3 tal-KEDB, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalkemm, għall-kalkolu ta' dan l-ispazju disponibbli, is-superfiċi ta' faċilitajiet sanitarji ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni, dan il-kalkolu għandu jinkludi l-ispazju okkupat mill-għamara. Madankollu, id-detenuti għandhom iżommu l-possibbiltà li jiċċaqilqu normalment fiċ-ċella.*

\- *L-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax teskludi l-eżistenza ta' riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti għas-sempliċi raġuni li l-persuna kkonċernata għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fl-Istat Membru emittenti, rimedju li jippermettilha tikkontesta l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħha jew li jeżistu, f'dan l-Istat Membru, miżuri leġiżlattivi jew strutturali, intiżi li jsaħħu l-kontroll tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni.*

\- *Il-konstatazzjoni, mill-imsemmija awtorità, tal-eżistenza ta' raġunijiet serji u kkonfermati li jġegħluha taħseb li l-persuna kkonċernata ser tkun, wara l-konsenja tagħha lill-Istat Membru emittenti, suġġetta għal tali riskju minħabba l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jeżistu fil-faċilità korrettiva li fiha jkun konkretament previst li din il-persuna tkun ser tinżamm ma tistax tiġi bbilanċjata, għall-finijiet ta' deċiżjoni dwar l-imsemmija konsenja, ma' kunsiderazzjonijiet marbuta mal-effikaċja tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali kif ukoll mal-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproċi".*

34 Għalhekk hi żbaljata t-teżi li l-qrati ta' kompetenza kriminali m'għandhomx kompetenza li jikkunsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali tal-persuna f'proċeduri relatati mal-eżekuzzjoni ta' mandat

ta' arrest Ewropew. Pożizzjoni li tissarraf f'nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt Ewropew li jinkludu l-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea, u taf ikollha konsegwenzi fuq il-proċeduri.

35. Għaldaqstant, fil-każ ta' mandat ta' arrest Ewropew, l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05) u l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) huma soġġetti għad-dritt Ewropew.

<u>It-tieni aggravju</u>.

36. Fit-tieni aggravju l-attur jilmenta li ma jifhimx kif l-Ewwel Qorti interpretat it-tifsira ta' ħelsien mill-arrest u dana billi rreferiet għall-Artikolu 27 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (LS276.05).

37. Dan l-aggravju hu konness mal-ewwel aggravju. Il-Qorti m'għandhiex x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet li għamlet fir-rigward meta kkunsidrat l-ewwel aggravju.

<u>It-tielet aggravju.</u>

38. F'dan l-aggravju l-attur jilmenta li l-istat ta' detenzjoni tiegħu jilledi bl-aktar mod flagranti mal-Konvenzjoni Ewropea għaliex il-liġi ma tagħtih

l-ebda rimedju sabiex iħares id-drittijiet fundamentali tiegħu preċiżament għaliex il-Qorti kompetenti hi prekluża milli tagħmel dan.

39. Fid-digriet tat-28 ta' Mejju 2024 li bih il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tal-attur biex jingħata l-ħelsien mill-arrest, ikkunsidrat jekk it-talba tal-attur għandhiex tintlaqa'. Dik il-Qorti ma ċaħditx it-talba biss minħabba dak li jipprovdi l-proviso ta' Art. 15(3) tal-Kap. 276. Għalhekk l-attur hu skorrett meta jgħid li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tatux widen. Ukoll kieku l-proviso għall-Art. 15(3) ma kienx jeżisti, il-Qorti tal-Appell Kriminali xorta ma kinitx ser tilqa' t-talba tal-attur għaliex fi kliemha:

> *"Considering the circumstances of the case, and particularly, that firstly applicant is wanted by the Romanian authorities following a conviction by the High Court of Cassation and Justice of the curtea de Apel Brasov, Romania and that notwithstanding the first Court's decision, the said decision is not final and definitive pending the Attorney General's appeal application, and secondly, that applicant, having no ties to these Islands, is currently in a position to provide a residential address only until 2nd June 2024, this Court deems that applicant does not offer sufficient guarantees at law to be granted bail"*.

40. Il-Qorti tosserva wkoll li l-Art. 5(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li waħda mill-eċċezzjonijiet għall-jedd fundamentali ta' liberta tal-persuna hi:

> *"(f) the lawful arrest or detention ...... against a person against whom action is being taken with a view to deportation or extradition"*.

41. M'hemm l-ebda garanzija li waqt il-proċess ta' estradizzjoni l-persuna tingħata l-ħelsien mill-arrest. Taħt dan il-paragrafu d-detenzjoni hi minħabba l-proċeduri sabiex il-persuna titreġġa' lura f'pajjiż ieħor.

42. B'referenza għall-ewwel aggravju rajna kif irrispettivament minn dak li jipprovdi l-proviso tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 276, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha s-setgħa li tagħti l-ħelsien mill-arrest. Fil-fatt il-provi juru li fit-23 ta' Mejju, 2024 l-attur ippreżenta rikors quddiem dik il-Qorti u talab il-ħelsien mill-arrest. Talba li kif rajna ġiet miċħuda għar-raġunijiet li ssemmew hawn fuq. Hu veru li fid-digriet il-Qorti għamlet referenza għall-proviso ta' Art. 15(3) tal-Kap. 276, madankollu hu fatt ukoll li dak l-argument sar b'mod sussidjarju. F'kull każ, din il-Qorti għamlitha ċara li irrispettivament minn dak li jingħad f'Kap. 276 u l-leġislazzjoni sussidjarja 276.05, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha s-setgħa li tagħti l-ħelsien mill-arrest fil-pendenza tal-appell waqt proċeduri relatati mal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew. Għalhekk b'dan il-mod il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha s-setgħa li tistħarreġ id-detenzjoni tal-attur, u b'hekk tiddetermina huwiex ġustifikat li l-attur jibqa' f'detenzjoni.

43. L-attur għamel ukoll referenza għas-sentenza **<u>Kadem v. Malta</u>** (numru 55263/00) li l-QEDB tat fid-9 ta' Jannar 2003. Però dak il-każ kien differenti għaliex l-estradizzjoni kienet intalbet mill-Marokk u għalhekk ma tapplikax il-liġi tal-Unjoni Ewropea. *Inoltre*, f'dak il-każ l-ilment kien li l-arrest kien illegali għaliex ma kienx hemm ftehim bilaterali ta' estradizzjoni bejn Malta u l-Marokk, u l-Konvenzjoni tan-Nazzjoniet Uniti tal-1988 *Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances* ma kinitx ratifikata

u għalhekk ma kinitx liġi Maltija. Fil-każ tal-lum l-ilment mhuwiex li l-arrest tal-attur hu illegali, imma li l-liġi Maltija ma tippermettix li l-Qorti tal-Appell Kriminali tagħti l-ħelsien mill-arrest waqt li jkun pendenti l-appell.

44. Ilment ieħor tal-attur hu li l-Ewwel Qorti m'apprezzatx is-sottomissjoni li d-deprivazzjoni tal-libertà m'għandhiex tkun waħda illi tinftiehem li għandha tkun limitata biss għal waħda karċerarja. Fil-każ in eżami l-attur detenut fil-ħabs. Jekk b'dan l-ilment l-attur qiegħed jissuġġerixxi li hemm postijiet li fil-fehma tiegħu huma iktar adattati fejn jista' jkun detenut, ma jfissirx li l-liġi Maltija tikser il-jedd fundamentali għal-liberta taħt Art. 5 tal-Konvenzjoni.

<u>Ir-raba' aggravju</u>.

45. L-attur jilmenta li m'hemmx proporzjonalità fid-detenzjoni arbitrarja u kontinwa tiegħu, ġaladarba d-drittijiet fundamenali tiegħu qegħdin jiġu miċħuda. Spjega li fid-29 ta' April 2024 tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u għadu qiegħed jinżamm arrestat. Għalhekk ilu miżmum taħt detenzjoni għal kważi 40 jum. Kompla li minn meta appella l-Avukat Ġenerali (23 ta' Mejju 2024) sakemm tingħata d-deċiżjoni mill-Qorit tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ġunju 2024, ser ikun għamel 25 ġurnata oħra f'detenzjoni.

46. Effettivament il-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza fl-10 ta' Ġunju 2024. Sa dakinhar kienu għadhom m'għaddewx is-sittin (60) ġurnata li fihom il-proċess relatat mal-mandat ta' arrest Ewropew għandu jieħu (Art. 27A tal-L.S. 276.05). Dak hu t-terminu li jissemma f'Art. 17 tad-deċiżjoni kwadru, li tipprovdi wkoll għal dawk il-każijiet fejn il-proċess ma jistax jintemm fl-imsemmi perjodu u jipprovdi li t-terminu jista' jiġi estiż bi 30 ġurnata oħra.

47. Il-Qorti tosserva wkoll li b'digrieti li ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u l-Qorti tal-Appell Kriminali, it-talbiet tal-attur sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest kienu miċħuda. Fid-digrieti ngħataw raġunijiet fil-mertu għalfejn il-qrati kienu tal-fehma li l-attur m'għandux jingħata l-ħelsien mill-arrest. Kif rajna irrispettivament minn dak li jipprovdi l-proviso tal-Art. 15(3) tal-L.S. 276.05 l-attur xorta ma kienx ser jingħata l-ħelsien fil-pendenza tal-appell.

48. F'dan l-aggravju l-attur qiegħed jistieden lill-Qorti sabiex tikkunsidra jekk għaddiex żmien eċċessiv kemm ilu f'detenzjoni u li jsostni li qiegħed iwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali tiegħu protett taħt Art. 5 tal-Konvenzjoni. Madankollu, it-talbiet fir-rikors promotur huma relatati biss mal-fatt li skont il-liġi Maltija l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tistax tagħti l-ħelsien mill-arrest fil-pendenza tal-appell, u jindirizzaw biss il-proviso tal-Artikoli 15(3) u 27 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276). Fil-fehma ta' din

il-Qorti bir-raba' aggravju l-attur introduċa ilment ġdid għaliex issa qiegħed jilmenta li ilu wisq żmien f'detenzjoni. L-appell m'għandux iservi biex l-attur iressaq talbiet ġodda li dwarhom l-Ewwel Qorti ma kinitx mitluba biex tiddeċiedi dwarhom fir-rikors promotur li bih l-attur fetaħ il-kawża.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-proċeduri **The Police (Inspector Roderick Spiteri) v. Paul-Philippe Al-României**.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm